**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 84/19 RM**

**Paul Pace**

**-Vs-**

**Meat Point Manufacturing Limited (C-62893)**

**Illum, 26 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Paul Pace ippreżentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Mejju 2019 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tħallas lilu s-somma ta' ħdax-il elf u hames mitt euro (€11,500) rapprezentanti in kwantu għal tlett elef u hames mitt euro (€3,500) bilanċ ghal *commission* dovuta ghas-sena 2017 u tmien t'elef euro (€8,000) *commission* dovuta għas-sena 2018, liema *commission* hija dovuta għal bejgh ta' laħam ġewwa Carter's Supermarket. Illi minkejja li giet interpellata għal ħlas dovut lill-esponenti inkluz b'ittra uffiċjali ai termini 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-procedura.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' Meat Point Manufacturing Limited (C-62893) ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Ġunju 2019 fejn gie eċċepit:-

1. *"Illi in linea preliminari, jigi eccepit illi l-isem tas-socjeta` intimata huwa erronjament indikat fl-okkju stante illi dan ghandu jaqra 'Meatpoint Manufacturing Limited' u mhux 'Meat Point Menu Factory Limited'.*

2. *Illi ukoll in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti rationae materiae sabiex tieghu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti;*

3. *Illi in linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghal fuq premess, it-talba tar-rikorrenti qed tigi kontestata u jispetta lir-rikorrenti jgib prova tal-allegazzjonijiet u t-talbiet tieghu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.*"

Rat illi permezz ta' digriet moghti fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2019, laqgħet it-talba għall-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta sabiex l-isem tagħha jaqra Meat Point Manufacturing Limited u b'hekk giet sorvolata l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

Rat is-sentenza mogħtija fit-23 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta dwar l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti;

Semgħet ix-xhieda ;

Rat il-provi u d-dokument kollha akkwiżiti ;

Rat l-atti kollha ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fl-14 ta' Ġunju 2022 u rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ppreżentata mis-soċjeta' konvenuta fil-25 ta' Awwissu 2022 ;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza in difett ta' ostakolu u rat li ma hemm l-ebda impediment sabiex tgħaddi għall-prolazzjoni tas-sentenza llum ;

Ikkunsidrat;

L-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata meta fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2019 intalbet u ġiet awtorizzata korrezzjoni fl-isem tas-soċjeta' konvenuta biex dan l-isem jiġi indikat korrettement bħala Meat Point Manufacturing Ltd u l-avukat tas-soċjeta' konvenuta, ta ruħu b'notifikat għan-nom tagħha bir-Rikors promotur kif korrett.

It-tieni eċċezzjoni ġiet miċħuda permezz tas-sentenza li ngħatat fit-23 ta' Settembru 2020 u għalhekk il-Qorti trid tgħaddi biex tiddeċiedi t-talba attriċi, liema talba, fuq il-mertu tagħha, ġiet milqugħa mis-soċjeta' konvenuta bit-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tagħha.

It-talba tal-attur hija għall-ħlas ta' *commission* li huwa jsostni hija dovuta lilu abbażi ta' ftehim li ntlaħaq mas-soċjeta' konvenuta.  Mill-provi jirriżulta li l-attur kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta bħala *butcher* fl-istabbiliment Carter's Supermarket fl-aħħar tas-sena 2016 u spiċċa minn dan l-impieg f'Ottubru 2018.  Mhux kontestat li l-attur kien jitħallas salarju nett ta' €400 fil-ġimgħa b'rata netta ta' sahra ta' €9.00 fis-siegħa.

Il-*vexata quaestio* tikkonċerna l-ftehim dwar il-ħlas ta' *commission*: l-attur jinsisti li huwa kien ftiehem ma' Frank Zarb, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, li jekk jinrexxielu jbiegħ €20,000 f'laħam kull ġimgħa, huwa kellu jirċievi *commission* fis-somma ta' €8,500 fl-aħħar tas-sena b'żieda mas-salarju ordinarju tiegħu. Da parti tagħha, is-soċjeta' konvenuta filwaqt li taqbel illi kien intħalaq ftehim mal-attur għall-ħlas ta' *commission* fuq il-bejgħ li jagħmel, tikkontendi li l-ftehim milħuq kien differenti minn dak allegat mill-attur u fi kwalsiasi każ, ma ntlaħaqx l-ammont ta' bejgħ fis-sena 2018 biex jiskatta l-ħlas ta' *commission* abbażi ta' dan il-ftehim.

**Verżjoni tal-Attur**

**L-attur Paul Pace** xehed[1] li Jonathan Friggieri, l-*operations manager* tal-kumpannija kien offrilu *commission* f'każ li jintlaħaq bejgħ ta' laħam ta' €18,000 fil-ġimgħa jew f'każ li l-bejgħ tal-laħam jilħaq is-somma ta' €20,000 fil-ġimgħa matul sena. Iżda peress li huwa kien konvint li seta' jbiegħ b'€20,000 laħam sija frisk u sija *pre-packed* kull ġimgħa, kien insista, u eventwalment ġie maqbul, li huwa jitħallas €8,500 f'*commission* fuq dan il-bejgħ. L-attur ikkonferma li fl-ewwel sena 2017, il-kumpannija laħqet dan it-target u biegħet b'€20,000 fil-ġimgħa iżda meta talab lil Jonathan Friggieri iħallsu l-*commission* kif ġie miftiehem, huwa kien ħallsu biss €5,000 permezz ta' *cheque*[2] bħala parti minn dan il-pagament, iżda l-bilanċ ta' €3,500 baqa' qatt ma tħallas lilu. Xehed illi meta tkellem lil Frank Zarb dwar dan, huwa kien assigurah li ser ikellem lil Jonathan Friggieri biex jgħaddilu l-bilanċ iżda minkejja li bagħtlu messaġġ b'*sms* fir-rigward u minkejja wkoll li huwa ġieli talabhom jgħaddulu dan il-pagament, baqa' ma tħallas xejn iktar. L-attur ikkonferma illi fis-sena 2018, il-bejgħ ta' laħam laħaq b'kollox is-somma ta' €1,006,300 u b'hekk reġgħet laħqet il-mira ta' €20,000 fil-ġimgħa f'bejgħ ta' laħam iżda minkejja dan, huwa ma tħallas l-ebda *commission* għal dik is-sena.

---

[1] Affidavit tal-attur ippreżentat fis-16 ta' Jannar 2020.
[2] *Cheque* Dok. A, datat 2 ta' Lulju 2018.

Fit-tieni Affidavit tiegħu[3], l-attur xehed li l-ftehim dwar il-ħlas ta' *commission* fis-somma ta' €8,500 fis-sena f'każ li l-bejgħ ta' laħam f'sena mill-butcher ġewwa Carters Supermarket jilħaq €20,000 fil-ġimgħa, sar ma' Frank Zarb. Fisser li Frank Zarb kien offrielu *commission* f'każ li l-bejgħ gross ta' laħam jilħaq is-somma ta' €18,000 fil-ġimgħa, izda peress li mill-kalkoli li għamel u minħabba l-esperjenza tiegħu fil-qasam tal-bejgħ ta' laħam, huwa ħass li seta' jtella' sostanzjalment il-bejgħ tal-laħam ġewwa l-istabbiliment. Kien għalhekk li huwa ħareġ bil-proposta li jekk ibiegħ b'miljun Euro fis-sena gross, jew €20,000 fil-ġimgħa, jitħallas *commission* ta' €8,500 kull sena b'lura u Frank Zarb aċċetta din il-proposta.

L-attur fisser ukoll li Jonathan kien jgħidlu li ser iħallsu l-bqija tal-*commission* li kien dovut, iżda mbagħad kien beda jġib ħafna skużi u l-flus qatt ma waslu. Meta weġġa' f'Ottubru 2018 u kellu jagħmel tliet ġimgħat wieqaf mix-xogħol, Frank u Jonathan qalulu li kienu ser iwaqqfuh mix-xogħol għaliex kienu qed iħallsuh ħafna. Huwa aċċetta li jitlaq mill-impjieg iżda għamilha ċar li ried jitħallas il-*commission* lilu dovut kif miftiehem għaliex kien jaf mill-verifiki li għamel direttament ma' Carter's Supermarket, li sa Ottubru 2018 il-kumpannija konvenuta kienet għamlet bejgħ gross ta' laħam ta' iktar minn miljun Euro, u dan fis-somma komplessiva ta' €1,006,300. L-attur sostna li ħadd mill-kumpannija konvenuta ma qallu li l-*commission* ma kienx dovut; għall-kuntrarju Jonathan Friggieri kien għamillu offerta li jħallsu s-somma ta' €7,569.11 li madanakollu kienet inqas mis-somma dovuta bħala *commission* u kienet tinkludi wkoll parti mill-paga li kien għad kellu jieħu. Minħabba f'hekk u kif ukoll minħabba li l-kumpannija riedet timponi kundizzjoni li ma jaħdimx bħala *butcher* ma' kompetitur tagħha, l-attur ma aċċettax din l-offerta.

Meta xehed in kontro-eżami[4] l-attur ikkonferma li l-offerta għall-ħlas tal-*commission* saret minn Francis Zarb u l-ftehim relattiv sar miegħu. Ippreċiża li huwa kien tkellem ma' Jonathan Friggieri dwar il-*commission* meta kien diġa' beda jaħdem mas-soċjeta' konvenuta ċioe', wara li kien intlaħaq il-ftehim ma' Francis Zarb. Fisser li waqt il-

[3] Affidavit ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2020.
[4] Xhieda tat-2 ta' Frar 2022.

laqgħa li kellhom ġewwa cafeteria l-Mosta fl-2016 qabel beda l-impieg mas-soċjeta' konvenuta, Francis Zarb qallu li jrid jilħaq bejgħ ta' €18,000 fil-ġimgħa u għamillu offerta għall-ħlas ta' *commission*. Madankollu, din l-offerta ma kienx attraenti għalih għaliex ma kienx ser itejjeb il-kundizzjonijiet li diġa' kellu mal-kumpannija fejn kien għadu impjegat dak iż-żmien: din l-offerta hija mniżżla fl-ewwel kolonna tal-karta Dok. PB1 (u Dok. PB2). L-attur kompla jispjega li huwa qal lil Francis Zarb illi kien kapaċi jagħmel bejgħ ta' €20,000 fil-ġimgħa u abbażi ta' dan, Francis Zarb għamillu t-tieni offerta: li jekk jilħaq €20,000 bejgħ fil-ġimgħa, kien ser iħallsu €8,500 fis-sena bħala *commission* li titħallas sena b'lura. Kien anke ħadimlu s-somma fil-ġimgħa, ċioe' €163.46 biex iktar jikkonvinċih imur jaħdem miegħu. L-attur filwaqt li jaċċetta li m'hemm xejn li jindika li l-ewwel offerta li kien għamillu Francis Zarb ma kienetx tgħodd, insista li kieku aċċetta l-ewwel offerta ma kienetx tinkiteb it-tieni kolonna fil-karta in kwistjoni.

Id-dokumenti esebiti minn Pierre Mallia, rappreżentant ta' Carter's Supermarket[5], juru li l-bejgħ gross ta' laħam mill-*butcher counter* kif ukoll prodotti *pre-packed* suppliti mis-soċjeta' konvenuta fl-istabbiliment Carter's Supermarket, huwa ta' €1,012,898.54 għas-sena 2017 u €1,205,098.42 għas-sena 2018.

**Verżjoni tas-Soċjeta' Konvenuta**

Il-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta hi għalkemm huwa minnu li kien ġie offrut lill-attur il-ħlas ta' *commission* darba fis-sena, din l-offerta kienet tgħodd f'każ li l-bejgħ jeċċedi s-somma ta' €900,000 u skont ir-rati mniżżlin f'dokument esebit bħala Dok. A[6].

**Frank Zarb**, direttur tas-soċjeta' konvenuta, xehed permezz ta' Affidavit fejn iddikjara li l-*commission* li ġiet offruta lill-attur kellha tkun proporzjonata għall-ammont ta' qligħ maħdum skont dokument li skont hu, juri li fuq bejgħ komplessiv ta'

---

[5] Mill-provi jirriżulta li Carters Supermarket huwa ġestit minn Chain Market Limited.
[6] Fol. 85.

€900,000, il-*commission* dovut ikun ta' €2,000 b'żieda ta' €500 f'*commission* fuq kull €10,000 ulterjuri ta' bejgħ, għal massimu ta' €8,500 f'*commission* kull sena. Xehed ukoll li peress li fl-2017 il-bejgħ tal-laħam eċċeda s-somma ta' €900,000, huwa kkalkula li l-*commission* dovut lil Paul Pace kien fis-somma ta' €5,000, liema somma tħallset lilu permezz ta' *cheque*. Kwantu għas-sena 2018, Frank Zarb ikkonferma li l-bejgħ ma laħaqx is-somma ta' €900,000 u għalhekk ma kien dovut l-ebda *commission* lill-attur li, f'Ottubru 2018, ma baqax jaħdem mas-soċjeta' konvenuta.

Meta xehed in kontro-eżami[7], Frank Zarb ikkonferma li kienu hu li nnegozja mal-attur il-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu u kkonferma li ma ġie ffirmat xejn iżda huwa żamm kelmtu u ħallas lill-attur il-*commission* dovut lilu għas-sena 2017. Fisser illi fis-somma ta' €5,000 li tħallas lill-attur huwa ħa in konsiderazzjoni wkoll il-bejgħ li sar f'Ottubru u Novembru tas-sena ta' qabel meta nfetaħ il-*butcher* fl-istabbiliment Carters Supermarket, kif ukoll żied *performance bonus* ta' ċirka €1,000 bħala turija ta' rġulija għaliex ma kienx hemm obbligu li dan jitħallas. B'referenza għal Doc. A[8] Frank Zarb ikkonferma li għalkemm ma jafx min irrediġa dan id-dokument, kien sar ftehim dwar dak li hemm miktub fih waqt l-intervista li kellu mal-attur u saħaq li għalkemm dan ma tniżżilx bil-miktub bħall-kundizzjonijiet l-oħra tal-impjieg tal-attur, kien intlaħaq ftehim li l-attur ma setax jirċievi iktar minn €8,500 fis-sena f'*commission*. Jiċħad li l-attur għandu jieħu bilanċ ta' €3,500 f'*commission* għas-sena 2017.

Meta ġie muri l-karta Dok. PB1, Frank Zarb għall-bidu ċaħad li kien hu li kiteb il-kontenut tad-dokument iżda meta ntwera l-oriġinal tal-karta (Dok. PB2), ikkonferma li l-kalligrafija kienet tiegħu u filwaqt li afferma wkoll li ċ-ċifra €8,500 inkitbet minnu, saħaq li din inkitbet għaliex kien ġie miftiehem li din is-somma kienet tirrappreżenta l-massimu li seta' jirċievi l-attur f'*commission* f'sena. Ix-xhud sostna wkoll li fil-kalkolu tal-*commission*, din kellha tinħadem fuq l-ammont tal-bejgħ tal-laħam wara li jitnaqqas il-*commission* ta' 18% li l-kumpannija tħallas lil Carters Supermarket.

---

[7] Xhieda tad-29 ta' Novembru 2021.
[8] Fol. 85.

Ikkonferma wkoll li fuq din il-karta huwa niżżel li s-somma ta' €8,500 tiġi €163.46 fil-ġimgħa u assuma li dan jirrappreżenta "*kemm nistgħu nbiegħu f'ġimgħa ... target, kien target li assumejna li nistgħu nbiegħu*"[9]. Ikkonferma wkoll li jekk l-attur jasal għat-*target* li huwa ħadem dak il-ħin - liema *target* qal li mhux miktub fuq il-karta Dok. PB1 - huwa jkun dispost li jħallsu €8,500 basta dik iċ-ċifra ma tiġix superata. Xehed hekk fir-rigward: *"... iddividejna bejn kemm hi l-ammont li għedtlu jekk tbiegħ daqshekk jitla' għal 8,500*"[10]. U ... *imma aħna hawnhekk li m'hawnx mitkub huwa t-target li konna assumejna li nistgħu nbiegħu u x'ħin ħdimtha ġew għal 8,500. Għidtlu hemmhekk huwa l-maximum*"[11].

Frank Zarb xehed li meta l-attur qallu li hu konvint li jista' jbiegħ b'€8,500 *"... għedtlu orrajt mela u jien ktibtlu 8,000 infatti qalli aħdimieli divided by kemm tiġi u għedtlu 163.46 ... fil-ġimgħa. ... Għedtlu konvint milli qed tgħid? Qalli jiena konvint minni nnifsi, għedtlu orajt mela f'dan il-każ inti se taqbad 163 fil-ġimgħa 46 cents żejda plus il-van etc. etc.*"[12]

Huwa nnega li lill-attur kien qallu li ser ikellem lil Jonathan Friggieri u saħaq li mhux minnu li lill-attur għad jonqsu jtih €3,500 bħala *commission* għas-sena 2017. Fisser illi fuq Dok. PB1 (u Dok. PB2) iċ-ċifra ta' 900,000 tirrappreżenta "*jekk is-sales ikun hemm minus il-commission dejjem 900,000 ħa jieħu €2,000. 920,000 ħa jieħu €2,000*" u l-*commission* mhux kumulattiv. Qal ukoll "... *l-aħħar line jekk hu mill-miljun ... minn miljun 'il fuq ma' kull 10,000 sales ... minn miljun 'il fuq kull 10,000 jieħu 500*". Imbagħad ikkorreġa ruħu u qal "... *minn 950,000 'l fuq jieħu kull 10,000 plus 500 eżattament iva*".

**Jonathan Friggieri** xehed[13] li l-attur kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta bħala *butcher* fis-supermarket bl-isem Carters u kellu salarju ta' €400 fix-xahar u afferma li l-ftehim li ntlaħaq mal-attur dwar ħlas ta' *commission* kien li dan ikun fis-somma ta'

---

[9] Fol. 114.
[10] Fol. 119.
[11] Fol. 115.
[1212] Fol. 119.
[13] Affidavit ta' Jonathan Friggieri, Dok. JF1, fol. 87.

€2,000 f'każ li l-bejgħ ta' laħam jilħaq is-somma ta' €900,000 fis-sena, u jiżdied skont iż-zieda fl-ammont ta' bejgħ skont kif indikat fid-dokument esebit fl-atti ("Doc. A", fol. 85) sa massimu ta' €8,500 fis-sena. Jonathan Friggieri ikkonferma wkoll li l-attur qabel mal-kundizzjonijiet imniżżlin fl-imsemmi dokument u li għas-sena 2017 il-*commission* li kienet dovuta lill-attur ġiet maħduma skont Dok. A u ġiet ikkalkulata fis-somma ta' €5,000, liema somma tħallset b'cheque ta' kumpannija oħra li tagħha huwa direttur Francis Zarb.

In kontro-eżami[14] Jonathan Friggieri fisser li l-karta bir-rati tal-paga tal-attur saret fl-2016 meta l-attur ġie impjegat mal-kumpannija konvenuta u kien għaddihielu Frank Zarb biex din tinżamm fil-file tal-attur għall-użu intern tal-kumpannija u kellha tgħodd għaż-żmien kollu li jdum l-impieg tal-attur mal-kumpannija.

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet jaghtu verżjonijiet kontradittorji dwar il-ftehim li ġie milħuq għall-ħlas ta' commission lill-attur fuq il-bejgħ ta' laħam.

In materja ta' kunflitt fil-verżjonijiet, il-Qorti tagħmel referenza ghal dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004 fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**:-

"*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*
*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur*"[15].

---

[14] Xhieda tad-29 ta' Novembru 2021.
[15] Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.

Fir-rigward ingħad ukoll:-

"*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*"[16]

Ġie ritenut ukoll hekk in propositu fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[17]:-

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha ...*"

Imbagħad, fis-sentenza tagħha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:-

---

[16] Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili: **Horace Anastasi vs Louise Ann Gusman** – deciza 18.3.2021. Ara wkoll **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo** deċiża mill-Qorti tal-Appell 25 ta' Ġunju 1980.

[17] Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 2003.

*“Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mil-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha .... Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12). ... Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet”.*

Applikati dawn il-prinċipji għar-riżoluzzjoni tal-konflitt fil-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet, hi l-fehma tal-Qorti li filwaqt li l-verzjoni tal-attur baqgħet konsistenti mill-bidu sal-aħħar[18] fir-rigward tal-aspetti saljenti tal-ftehim u d-diskussjonijiet li wasslu għal dan il-ftehim, il-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta hija miżgħuda b'ambigwitajiet u inkonsistenzi tant illi anke l-verżjonijiet tad-direttur tas-soċjeta' konvenuta u l-*operations manager* tiegħu huma kontradittorji. Speċifikatament, Francis Zarb ma kien xejn konsistenti meta xehed in kontro-eżami u evidentement ma kienx kapaċi jagħti spjegazzjoni konvinċenti dwar in-notamenti li jinsabu fil-karta[19] li skont l-attur, inkitbet minn Francis Zarb innifsu waqt il-laqgħa li fiha sar il-ftehim dwar il-kundizzonijiet tal-impieg prospettiv tal-attur inkluż il-ħlas ta' *commission*.

---

[18] Ħlief fejn l-ewwel sostna li l-ftehim kien sar ma' Jonathan Friggieri u mbagħad ikkonferma li l-ftehim sar ma' Frank Zarb. Mhux kontestat illi effettivament il-ftehim dwar il-ħlas tal-commission sar bejn l-attur u Francis Zarb.

[19] Dok. PB1 u Dok. PB2.

Ibda biex fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami Francis Zarb insista li l-ftehim mal-attur sar biss verbalment u meta ġie muri l-karta Dok. PB1 u PB2, beda biex jiċħad li din il-karta ġiet miktuba minnu. Għalkemm eventwalment huwa kkonferma li l-kalligrafija fuq din il-karta hija tiegħu u li huwa kien kiteb din il-karta waqt laqgħa li kellu mal-attur qabel ġie impjegat mal-kumpannija, hija manifesta l-konfużjoni fil-verżjoni tal-istess Francis Zarb meta ġie konfrontat b'talba għal spjegazzjoni dwar x'ried ifisser biċ-ċifra €8,500. Fil-waqt li min-naħa l-waħda qal li din iċ-ċifra inktibet għaliex il-ftehim mal-attur kien li din is-somma tirrappreżenta l-massimu li seta' jirċievi l-attur f'*commission* u ma kellhiex tinqabeż, iktar tard huwa qal li qiegħed jassumi li din iċ-ċifra tirrappreżenta "*kemm nistgħu nbiegħu f'ġimgħa ... target, kien target li assumejna li nistgħu nbiegħu*"[20]. Madanakollu, huwa ma kienx f'pożizzjoni jindika effettivament x'kien dan it-*target* li huwa ħadem dak il-ħin iżda li mhux miktub fuq il-karta Dok. PB1.

Għall-Qorti din l-ispjegazzjoni ma tagħmilx sens għaliex huwa ovvju li t-*target* ta' bejgħ li kien qed jirreferi għalih id-direttur tas-soċjeta' konvenuta - liema *target* skont hu mhux imniżżel fuq il-karta – m'huwiex ħlief is-somma ta' €20,000 fil-ġimgħa indikata fuq l-istess karta, liema somma, kif del resto fisser l-attur fix-xhieda tiegħu, jekk tintlaħaq ifisser li l-attur jitħallas is-somma ta' €8,500 f'*commission* fl-aħħar tas-sena. Sinjifikanti l-fatt illi Francis Zarb afferma fix-xhieda tiegħu li effettivament, huwa kien aċċetta li jħallas lill-attur is-somma ta' €8,500 f'*commission* kif hemm inizzel fil-karta, tant illi huwa xehed li jekk l-attur jasal għal dak it-*target* li huwa ħadem dak il-ħin, huwa kien dispost iħallsu sa massimu ta' €8,500 f'*commission*. Kemm hu hekk, huwa xehed - "*Qalli jiena konvint minni nnifsi, għedtlu orajt mela f'dan il-każ inti se taqbad 163 fil-ġimgħa 46 cents żejda* plus *il-van etc. etc.*"[21]

---

[20] Fol. 114. Xehed ukoll: "*Imbagħad f'ħin minnhom għedtlu nbiegħhom. Għedtlu jien naqbel l-istess u konna ħdimniha roughly ma nafx jiġifieri kemm tiġi li telgħet għal 8,500 għedtlu jiena 8,500 lest li jekk naslu f'dak it-target li hawnhekk m'hawnx miktub, lest li ntihomlok l-8,500 basta ma jinqabżux.*" – fol. 115.

[21] Fol. 119.

Din l-affermazzjoni tikkuntrasta mhux ftit mal-verżjoni ta' Francis Zarb kif ukoll ta' Jonathan Friggieri fl-Affidavits rispettivi tagħhom fejn sostnew li huwa d-dokument Doc. A[22] li fih hemm imniżżel il-formula li abbażi tagħha kellha tinħadem il-*commission* dovut lill-attur. Iżda dan id-dokument imkien ma jagħmel referenza għall-ammont ta' €8,500 li Francis Zarb sostna tant enfatikament li huwa l-massimu tal-*commission* li seta' jirċievi l-attur u iktar minn hekk, jikkuntrasta wkoll mal-kontenut tal-karta Dok. PB1 (u Dok. PB2) in kwantu għall-ammont ta' *commission* dovut f'każ li l-bejgħ f'sena jilħaq total ta' €950,000[23]. Il-Qorti tistenna li ġaladarba Francis Zarb, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta, ikkonferma fix-xhieda tiegħu li huwa ftiehem mal-attur li kellu jirċievi s-somma ta' €8,500 f'*commission* jekk jintlaħaq *target* ta' bejgħ, dan il-ftehim ikun rifless fl-imsemmi dokument. Dokument (Doc. A[24]) li wara kollox, skont Jonathan Friggieri, jispjega kif kellu jinħadem il-*commission* dovut lill-attur u kif dan jiżdied skont il-bejgħ. Hawnhekk jiġi osservat illi filwaqt skont Jonathan Friggieri, dan id-dokument kien għaddihulu Francis Zarb stess biex jinżamm fil-file dwar l-impieg tal-attur, l-istess Francis Zarb, meta ġie mistoqsi in kontro-eżami, xehed illi ma jafx min ikkompila dan l-istess dokument[25].

Dan kollu magħdud, fil-fehma tal-Qorti, inaqqas sostanzjalment mill-piż probatorju li għandu jingħata lid-dokument "Doc. A" prodott mis-soċjeta' konvenuta kif ukoll b'mod ġenerali mill-attendibbilita' tax-xhieda li ressqet is-soċjeta' konvenuta. Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-attur li fisser illi kieku huwa aċċetta u kieku kien intlaħaq qbil li jitħallas *commission* biss abbażi tal-kriterji indikati fl-ewwel kolonna tal-karta Dok. PB1 (u Dok. PB2), ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li tinħadem *commission* differenti kif indikat fit-tieni kolonna u f'kull każ, huwa ma kienx aċċetta l-*commission* kif proposta inizzjalment minn Francis Zarb u kien proprju għalhekk li inkitbet it-tieni kolonna dwar il-ħlas ta' *commission* ta' €8,500 jekk jintlaħaq bejgħ ta'

---

[22] Mehmuż mal-Affidavit ta' Jonathan Friggieri.
[23] Skont Dok. A, il-commission dovuta fuq bejgħ totali ta' €950,000 hija ta' €3,000 filwaqt li skont Dok. PB1, li Francis Zarb ikkonferma li kitibha hu bil-proposti li ġew diskussi in linea ta' commission, il-commission dovut fuq bejgħ ta' €950,000 hija ta' €3,500.
[24] Fol. 89.
[25] Il-Qorti tistenna wkoll illi jekk kif xehed speċifikatament Jonathan Friggieri, l-attur verament kien qabel mat-termini indikati f'dan id-dokument (Doc. A), dan id-dokument ikun iffirmat mill-attur.

€20,000 fil-ġimgħa. Temmen ukoll li kien proprju biex jikkonvinċih jaċċetta l-proposta li jitħallas *commission* ta' €8,500 fis-sena jekk il-bejgħ ilaħħaq €20,000 fil-ġimgħa, li Francis Zarb ħadimlu s-somma li ser ikun qed jaqla' f'*commission* fil-ġimgħa (€163.46 fil-ġimgħa) kif del resto indikat fuq Dok. PB1.

In vista ta' dan il-Qorti hija sodisfatta li huwa ppruvat fuq bażi bilanċ ta' probabbilitajiet li t-termini tal-ftehim li ġie milħuq bejn l-attur u Francis Zarb in kwantu għall-ħlas ta' *commission*, huma dawk li nkitbu mill-istess direttur tas-soċjeta' konvenuta nnifsu fit-tieni kolonna tal-karta Dok. PB1 ċioe', jekk jintlaħaq *target* ta' bejgħ ta' laħam fis-somma ta' €20,000 fil-ġimgħa, il-*commission* dovuta lill-attur tkun ta' €8,500 u mhux il-*commission* kif maħduma fl-ewwel kolonna tal-istess karta jew f'Doc. A.

Din il-konklużjoni hija msaħħa mill-konsiderazzjoni ulterjuri illi jekk, kif sostnew ix-xhieda li ressqet is-soċjeta' konvenuta, il-*commission* dovuta lill-attur kellha tinħadem fuq il-kriterji indikati fid-dokument Doc. A, dan ifisser li l-*commission* dovuta għas-sena 2017 fejn jirriżulta li l-bejgħ totali ta' laħam laħaq l-ammont ta' €1,012,000, kellha tkun ta' €6,000. Francis Zarb meta xehed in kontro-eżami u fuq domanda tal-Qorti, ikkonferma "*... minn 950,000 'l fuq jieħu kull 10,000 plus 500 eżattament iva*". Madanakollu, fl-istess nifs huwa fisser illi fis-somma ta' €5,000 li huwa ħallas lill-attur in linea ta' *commission* għas-sena 2016, huwa ħa in konsiderazzjoni wkoll il-bejgħ li sar f'Ottubru u Novembru tas-sena ta' qabel, 2016, meta nfetaħ il-*butcher* fl-istabbiliment Carters Supermarket, kif ukoll żied *performance bonus* ta' ċirka €1,000 bħala turija ta' rġulija. Għall-Qorti, bl-applikazzjoni tal-kriterji għall-kalkolu tal-*commission* kif indikati f'Doc. A, li skont is-soċjeta' konvenuta ġew miftiehmin mal-attur, din il-verżjoni ma tagħmel l-ebda sens. Iċ-ċifra ta' €5,000 m'hijiex konsistenti lanqas mar-riżultat tal-kalkolu ta' *commission* maħduma abbażi tar-rati indikati fl-ewwel kolonna ta' Dok. PB1. Inoltre, ma ġie prodott l-ebda dokument ossia prospett li jfisser kif is-soċjeta' konvenuta waslet għas-somma ta' €5,000. Dan in-nuqqas ikompli jikkonvinċi l-Qorti li l-verżjoni tal-attur hija dik veritjiera u li effettivament, il-ħlas tas-somma ta' €5,000 kien biss pagament parzjali tal-*commission* dovuta lill-

attur. Kieku għal mument kellha taċċetta l-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta li l-ammont ta' €5,000 tħallas lill-attur a saldu tal-ammonti lilu dovuti għas-sena 2017, kif fisser Francis Zarb fix-xhieda tiegħu, il-Qorti tistenna li tingħata lill-istess attur flimkien mal-pagament, rendikont tal-ammont li kien qed jiġi mħallas jew talanqas, titolbu jaċċetta l-pagament a saldu tal-pretensjonijiet tiegħu għas-sena 2017[26].

Magħdud dan il-fatt illi għalkemm hu minnu li l-messaġġ dwar il-ħlas tal-bilanċ fis-somma ta' €3,500 intbagħat mill-attur lil Jonathan Friggieri u mhux vice versa, l-istess xhud mhux biss ma nnegax li huwa rċieva dak il-messaġġ mingħand l-attur iżda effettivament baqa' qatt ma fisser fix-xhieda tiegħu għaliex lill-attur kien wieġbu "*ok*" meta jridna nemmnu li l-attur ma kellu jieħu xejn iktar f'*commission* għas-sena 2017. Għall-Qorti dan il-messaġġ ikompli jagħti konfort lill-verżjoni tal-attur illi huwa kien qed jistenna l-ħlas tal-bilanċ dovut lilu mis-somma ta' €8,500 dovuta f'*commission* abbażi tal-ftehim milħuq b'rabta ma' bejgħ f'ammont ta' €20,000 fil-ġimgħa u li s-soċjeta' konvenuta kienet taf b'dan u kienet qablet li tħallsu mingħajr ma ċaħdet din il-pretensjoni.

Barra dan, hemm konsiderazzjoni oħra: Francis Zarb, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta meta xehed in kontro-eżami, żied jgħid illi l-*commission* dovuta lill-attur kellha tinħadem fuq l-ammont tal-bejgħ fis-sena wara li jitnaqqas *commission* ta' 18% li jitħallas lil Carters Supermarket. Iżda x-xhud ma semma xejn fir-rigward fix-xhieda tiegħu minn jeddu[27] u effettivament, fl-ebda wieħed mid-dokumenti dwar il-ftehim għall-ħlas tal-*commission* ma ġie indikat li qabel tinħadem il-*commission* dovuta lill-attur, l-ewwel kellhom jitnaqqsu xi ammonti dovuti lil Carters Supermarket. Fuq kollox, is-soċjeta' konvenuta naqset milli tressaq xi prova jew dokument li juri xi ħlasijiet kienu dovuti lil Carters Supermaket u meta xehed quddiem il-Qorti, ir-rappreżentant tas-supermarket, Pierre Mallia[28], ma ġie mistoqsi xejn b'rabta ma' *commissions* li jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta. Għalhekk il-Qorti ma tistax tqis bis-

---

[26] Ara wkoll xhieda tal-attur, Affidavit tal-4 ta' Novembru 2020, paragrafu 12 b'rabta mal-offerta tal-pagament fis-somma ta' €7,569.11 (fol. 43) fejn ġie mitlub jiffirma dokument.
[27] Affidavit ta' Francis Zarb, 3 ta' Mejju 2021.
[28] Xhieda tat-22 ta' Frar 2021.

serjeta' l-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta fir-rigward u fin-nuqqas ta' ebda prova kuntrarja, temmen il-verżjoni tal-attur li l-ħlas tal-*commission* lill-attur kellha tiġi komputata fuq l-ammont gross tal-bejgħ tal-laħam f'sena.

In konklużjoni, irid jingħad illi l-fatt illi l-attur interpella b'mod formali lis-soċjeta' konvenuta għall-ħlas tal-bilanċ pretiż minnu, biss fis-sena 2019 wara li kien diġa' spiċċa mill-impieg tiegħu mal-istess soċjeta' konvenuta[29], ma jnaqqas xejn mill-kredibbilita' tal-verżjoni tal-attur. Il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-abbli difensur tagħha illi n-nuqqas tal-attur li jagħmel talba formali għall-ħlas waqt li kien għadu impjegat mas-soċjeta' attriċi, għandu jimmilta kontra t-teżi tal-istess attur u r-raġuni għal dan hu ovvju. F'kull każ jirriżulta li l-ewwel talba formali saret biss tliet xhur wara li spiċċa mill-impieg u s-soċjeta' konvenuta nnifisha tafferma illi l-attur kien talab lil Jonathan Friggieri għal dan il-ħlas f'Lulju 2018 meta kien għadu fl-impieg tiegħu. Hija irrelevanti wkoll għall-fini tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti f'din il-kawża, is-sottomissjoni tas-soċjeta' konvenuta illi l-*commission* kif pretiż mill-attur m'hijiex dovuta għaliex diġa' kellu paga tajba.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit illi l-ftehim bejn il-partijiet kien għall-ħlas ta' *commission* ta' €8,500 f'każ li l-bejgħ jilħaq is-somma ta' €20,000 fil-ġimgħa fuq sena, il-Qorti tqis li bl-applikazzjoni tal-prinċipju *pacta sunt servanda*, is-soċjeta' konvenuta hija obbligata għall-ħlas ta' *commission* skont dan il-ftehim. Għalhekk għandha tipproċedi biex tistabbilixxi jekk l-attur ressaqx prova sodisfaċjenti li fiċ-ċirkostanżi tiskatta din l-obbligazzjoni tas-soċjeta' konvenuta għall-ħlas tal-*commission*.

Kif diġa' stabbilit, il-verżjoni tal-attur hi li huwa għandu dritt jitħallas *commission* fis-somma ta' €8,500 jekk fis-sena ta' qabel, il-bejgħ ta' laħam mill-istabbiliment tas-soċjeta' konvenuta ġewwa Carters Supermarket jilħaq l-ammont ta' €20,000 fil-ġimgħa jew miljun Euro f'sena.

[29] Permezz tal-ittra uffiċjali spedita fit-28 ta' Jannar 2019.

Mid-dokumenti esebiti minn Pierre Mallia[30], mhux kontestati mis-soċjeta' konvenuta, jirriżulta sodisfaċjentement ippruvat li l-bejgħ ta' laħam u prodotti tal-laħam mill-istabbiliment għas-sena 2017 kien ta' €1,012,898.54 li jissupera l-miljun Euro u dan ifisser illi l-attur għandu dritt jitħallas il-*commission* miftiehem fis-somma ta' €8,500. In kwantu għas-sena 2018, għalkemm id-dokumenti esebiti juru li l-bejgħ totali ta' laħam minn Carters Supermarket laħaq l-ammont ta' €1,205,098.42, jirriżulta li dan huwa l-ammont li nbiegħ mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018 meta hemm qbil li l-impieg tal-attur mas-soċjeta' konvenuta ġie terminat f'Ottubru 2018. Id-dokumenti esebiti fuq talba tal-attur ma jindikawx kemm inbiegħ laħam kull ġimgħa jew x'kien l-ammont ta' bejgħ sa Ottubru 2018 u għalhekk, il-Qorti ma għandhiex quddiemha prova li sal-aħħar ta' Ottubru 2018 id-dħul mill-bejgħ ta' laħam fl-istabbiliment in kwistjoni issupera l-ammont ta' €20,000 fil-ġimgħa.

Is-soċjeta' konvenuta produċiet kopja ta' dokument (Dok. B) in sostenn tal-allegazzjoni tagħha illi fis-sena 2018 il-bejgħ ma laħaqx is-somma ta' €900,000. Ħadd mix-xhieda li ressqet is-soċjeta' konvenuta ma fissru f'hiex jikkonsisti dan id-dokument iżda l-Qorti fehmet li dan hu rendikont diġitali ta' bejgħ li sar lil "*Customer: Chain Supermarket Tarxien Ltd*" abbażi ta' *invoices* li nħarġu minn xi entita' lil Chain Supermarket bejn it-8 ta' Jannar 2018 u l-15 ta' Ottubru 2018. Il-Qorti qajla tifhem kif dan id-dokument jista' jiswa biex jissostanzja l-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta meta mill-provi jirriżulta li l-ftehim għall-ħlas tal-*commission* kien ibbażat fuq l-ammont ta' bejgħ gross ta' laħam li jsir mill-istabbiliment Carter Supermarket u mhux abbażi ta' *sales invoices* li mkien ma jindikaw ix-xorta ta' prodotti mibjugħa[31].

Barra dan, id-dokument li ġie akkwiżit fl-atti m'huwiex kopja tad-dokument sħiħ għaliex evidentement parti mid-dokument tħalliet barra. Dan id-dokument ma fihx lanqas indikazzjoni illi hija s-soċjeta' konvenuta Meat Point Manufacturing Limited li

[30] Dok. PM1.

[31] Mix-xhieda tal-attur u mid-dokumenti esebiti minn Pierre Mallia, jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta kienet tbiegħ mhux biss laħam frisk mill-*butcher's counter* iżda wkoll laħam *pre-packed* u friżat.

ħarġet is-*sales invoices* elenkati fih. Il-Qorti tistenna li l-provi li jitressqu mill-partijiet ikunu l-aħjar prova li tista' tinġieb fiċ-ċirkostanzi u tqis li d-dokument in kwistjoni, fin-nuqqas assolut ta' spjega dwar il-kontenut tad-dokument u minn fejn inkiseb, ma jikkostitwixxix prova sodisfaċjenti dwar l-ammont ta' laħam li nbiegħ mis-soċjeta' konvenuta minn ġewwa Carter Supermarket. B'żieda ma' dan, u miżmum ferm l-allegazzjoni li għamel Francis Zarb fix-xhieda tiegħu li l-*commission* dovut lill-attur kellha tinħadem fuq il-bilanċ li jifdal wara li titħallas *commission* ta' 18% lil Carter Supermarket, il-Qorti ma tistax tagħti affidabbilita' lil dan id-dokument - minflok id-dokumenti ppreżentati minn Pierre Mallia - bħala wieħed li jindika ċ-ċifri li abbażi tagħhom kellha tinħadem il-*commission* pagabbli lill-attur.

Iżda fil-fehma tagħha, l-attur ukoll naqas milli jressaq prova preċiża tal-bejgħ li sar mis-soċjeta' konvenuta **kull ġimgħa jew talanqas kull xahar bejn Jannar u Ottubru 2018** biex juri illi effettivament, intlaħaq bejgħ ta' mill-inqas €20,000 fil-ġimgħa. Madankollu, jekk wieħed iqis illi l-medja ta' bejgħ ta' laħam fil-ġimgħa - ikkalkolata fuq total ta' €1,205,098.42 matul tnejn u ħamsin (52) ġimgħa – hija ta' €23,174.97 u li fuq firxa ta' tlieta u erbgħin (43) ġimgħa bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-aħħar ta' Ottubru 2018 inbiegħet medja ta' €996,523.69 b'kollox, ftit jifdal dubju li effettivament l-attur laħaq il-mira tiegħu li jbiegħ €20,000 fil-ġimgħa. Għaldaqstant, il-Qorti hija konvinta li fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, l-attur irnexxilu jipprova li skatta l-ftehim għall-ħlas ta' *commission* fis-somma ta' €8,500 anke in kwantu għas-sena 2018.

Madanakollu, peress li kif ingħad, l-attur ma ħadimx sena sħiħa, il-Qorti tqis li l-ħlas tal-*commission* għandu jsir abbażi tan-numru ta' ġimgħat li effettivament ħadem l-attur u dan bir-rata ta' €163.46 fil-ġimgħa skont kif del resto maħdum minn Francis Zarb fuq il-karta Dok. PB1 u Dok. PB2, ċioe' total ta' €7,028.78[32] u mhux fis-somma ta' €8,000 kif mitlub mill-attur fir-Rikors promotur. Magħdud dan il-*commission* għas-sena 2017 fis-somma ta' €8,500, li jfisser li l-ammont globali dovut lill-attur in linea ta' *commission* għas-snin 2017 u 2018, huwa ta' €15,528.78.

---

[32] €163.46 x 43 ġimgħa.

Billi hemm qbil illi l-attur tħallas is-somma ta' €5,000 mill-ammont pretiż minnu, dan il-bilanċ dovut lill-attur in linea ta' *commission* huwa ta' €10,528.78.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni stante korrezzjoni, kif ukoll tat-tieni eċċezzjoni stante li din ġiet deċiża bis-sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet fir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż u tilqa' limitatament it-talba tal-attur billi tikkundanna lil MEAT POINT MANUFACTURING LIMITED tħallas lill-attur PAUL PACE is-somma ta' għaxart elef ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€10,528.78) għar-raġunijiet imfissra fir-Rikors promotur, bl-imgħax mit-28 ta' Jannar 2019, id-data tal-ewwel sejħa ġudizzjarja għall-ħlas u bl-ispejjeż kif mitluba jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**